A.L. 25 tal-2011

ATT DWAR L-I*SPORTS*
(KAP. 455)

Ordni tal-2011 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport*
(Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2011 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata).

Proprjetà assenjata.

Kap. 455.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skond l-artikolu 16 tal-Att dwar l-I*sports*.

Jum stabbilit.


3. Il-proprjetà assenjata fl-artikolu 2 għandha tigi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2010.

Deskrizzoni ta' proprjetà assenjata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 hi din li ġejja, jiġifieri:

Is-siti bl-ittri 'G'- 'H' - 'I'- 'J' u 'K' madwar il-*Football Ground* ta' Santa Luċija reġistrati bħala proprjetajiet b'numri E21590, E21591, E21592, E21593 u E21594 rispettivament, tal-kejl ta' madwar 136 metru kwadru, 45 metru kwadru, 48 metru kwadru, 1027 metru kwadru u 990 metru kwadru rispettivament, li jmissu mit-Tramuntana, min-Nofsinhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' Proprjetà tal-Gvern, kif delineati bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. nru.127A_97.

152



Site Plan	**Scale 1:2500**
S.S. 5469	**Map Ref. 55473 69222**

Site G	PROPERTY No.: E21590 AREA : 136m²
Site H	PROPERTY No.: E21591 AREA : 45m²
Site I	PROPERTY No.: E21592 AREA : 48m²
Site J	PROPERTY No.: E21593 AREA : 1027m²
Site K	PROPERTY No.: E21594 AREA : 990m²

FILE COPY

GOVERNMENT PROPERTY DIVISION
ESTATE MANAGEMENT DEPARTMENT

LOCALITY: SANTA LUCIJA

P.D. No: 127A_97	**SCALE 1:1000**
FILE: L 378/97	**DRAWN BY:** CAMIP013

A&CE
DATE: 12/10/2010

RAYMOND DEMICOLI
Principal Technical Officer
Estate Management Department
DATE: 12/10/2010